# 130. Ġesù u l-Ħaruf

Ġesù kien miexi waħdu qalb l-għelieqi,
u lemaħ tfajjel żgħir, bin ir-raħħala,
qed jirgħa nagħġa ma' ħaruf bla tebgħa
qalb il-ħaxix.

Ġesù ħa ġewwa jdejh il-ħaruf ċkejken,
u qagħad jitgħaxxaq bih u tkellem miegħu:
"Kemm għamlek ħelu, ja Ħaruf bla tebgħa,
Alla Missieri,

Dak xagħrek abjad daqs is-sħab tas-sema,
għajnejk bla ħażen, mansi daqs il-kwiekeb,
tiġri taqbeż bil-ferħ, int xbieha ħelwa
ta' ruħ bla ħtija;

"Jiena ħaruf ukoll", issokta jgħidlu,
"u lili l-ġnus isejħu l-Ħaruf t'Alla,
biss jien Ħaruf ta' l-Art, Ħaruf tal-Ġenna,
Ħaruf ta' dejjem."

"Is-Sibt li ġej il-Għid", qabeż it-tfajjel,
"u noqtlu dal-ħaruf, u b'demmu ntebbgħu
il-bieb u l-għatba tagħna biex neħilsu
mis-sejf tal-qirda."

"Iva, iva naf," wieġeb Ġesù bil-ħlewwa;
u waqt li bies ir-ras u s-suf bla tebgħa
tal-ħaruf żgħir, għajnejh kbar u sewdiena
imtlew bid-dmugħ.